

EBA/REC/2017/03

28/03/2018

Rakkomandazzjonijiet

dwar l-esternalizzazzjoni lil fornituri tas-servizz ta' cloud

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

L-istatus ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet

1. Dan id-dokument jinkludi rakkomandazzjonijiet maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet.
2. Ir-rakkomandazzjonijiet jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 28.05.2018. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti ser jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki jenħtieġ li jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/REC/2017/03'. In-notifiki jenħtieġ li jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jispeċifikaw ulterjorment il-kundizzjonijiet għall-esternalizzazzjoni kif imsemmija fil-linji gwida tas-CEBS dwar l-esternalizzazzjoni tal-14 ta' Diċembru 2006 u japplikaw għall-esternalizzazzjoni mill-istituzzjonijiet kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-fornituri tas-servizz ta' cloud.

Indirizzati

2. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt(i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 575/2013.²

Definizzjonijiet

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE³ dwar ir-rekwiżiti kapitali u fil-linji gwida tas-CEBS għandhom l-istess tifsira fir-rakkomandazzjonijiet. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Servizzi ta' cloud	Is-servizzi pprovduti permezz tal-cloud computing, jiġifieri mudell li jippermetti aċċess għal netwerk ubikwitarju, konvenjenti, on-demand għal għbir komuni ta' riżorsi tal-informatika konfigurabbli (eż. networks, servers, ħżin, applikazzjonijiet u servizzi) li jstgħu jiġu fornuti malajr u jiġu rilaxxati bi sforz minimu ta' ġestjoni jew b'interazzjoni minima tal-fornitur tas-servizz.
Cloud pubbliku	Infrastruttura ta' cloud disponibbli għal użu wiesa' mill-pubbliku ġenerali.
Cloud privat	Infrastruttura ta' cloud disponibbli għall-użu esklussiv minn istituzzjoni waħda.
Cloud ta' komunità	Infrastruttura ta' cloud disponibbli għall-użu esklussiv minn komunità speċifika ta' istituzzjonijiet, inklużi diversi istituzzjonijiet ta' grupp wieħed.

² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012.

³ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

Cloud ibridu	Infrastruttura ta' cloud li hija magħmula minn żewġ infrastrutturi distinti ta' cloud jew aktar.
--------------	--

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

5. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jibdew japplikaw mill-1 ta' Lulju 2018.

4. Rakkomandazzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni lil fornituri tas-servizzi ta' cloud

4.1 Valutazzjoni tal-materjalità

1. Qabel kwalunkwe esternalizzazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li jivvalutaw liema attivitajiet jenħtieġ li jitqiesu bħala materjali. L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jwettqu din il-valutazzjoni tal-materjalità tal-attivitajiet abbażi tal-linja gwida 1(f) tal-linji gwida tas-CEBS u, fir-rigward tal-esternalizzazzjoni lil fornituri tas-servizzi ta' cloud b'mod partikolari, filwaqt li jqisu dan kollu li ġej:
 - (a) il-kritikalità u l-profil ta' riskju inerenti tal-attivitajiet li għandhom jiġu esternalizzati, jiġifieri dawn huma attivitajiet li huma kritiċi għall-kontinwità/vijabbiltà tan-negozju tal-istituzzjoni u l-obbligazzjonijiet tagħha lill-klijenti;
 - (b) l-impatt operazzjonali dirett tal-interruzzjonijiet, u riskji legali u reputazzjonali relatati;
 - (c) l-impatt li kwalunkwe tfixkil tal-attività jista' jkollu fuq il-prospetti ta' dħul tal-istituzzjoni;
 - (d) l-impatt potenzjali li ksur tal-kunfidenzjalità jew nuqqas ta' integrità tad-data jista' jkollhom fuq l-istituzzjoni u l-klijenti tagħha.

4.2 Obbligu li s-superviżuri jiġu infurmati b'mod adegwat

2. L-istituzzjonijiet tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li jinfurmaw b'mod adegwat lill-awtoritajiet kompetenti bl-attivitajiet materjali li għandhom jiġu esternalizzati lil fornituri tas-servizz ta' cloud. L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jwettqu dan abbażi tal-paragrafu 4.3 tal-linji gwida tas-CEBS u, fi kwalunkwe każ, jagħmlu l-informazzjoni li ġejja disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti:
 - (a) l-isem tal-fornitur tas-servizz ta' cloud u l-isem tal-kumpanija omm tiegħu (jekk ikun hemm);
 - (b) deskrizzjoni tal-attivitajiet u d-data li għandhom jiġu esternalizzati;
 - (c) il-pajjiż jew il-pajjiżi fejn is-servizz għandu jitwettaq (inkluża l-lokazzjoni tad-data);
 - (d) id-data tal-bidu tas-servizz;
 - (e) l-añhar data tat-tiġdid tal-kuntratt (fejn applikabbli);
 - (f) il-liġi applikabbli li tirregola l-kuntratt;
 - (g) id-data tal-iskadenza tas-servizz jew id-data li jmiss tat-tiġdid tal-kuntratt (fejn applikabbli).

3. B'żieda mal-informazzjoni mogħtija skont il-paragrafu preċedenti, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni għal aktar informazzjoni dwar l-analiżi tar-riskju tagħha għall-attivitajiet materjali li għandhom jiġu esternalizzati, bħal:
 - (a) jekk il-fornitur tas-servizz ta' cloud għandux pjan ta' kontinwità tal-operat li huwa adatt għas-servizzi pprovduti lill-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni;
 - (b) jekk l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni għandhiex strateġija ta' ħruġ f'każ ta' terminazzjoni minn kwalunkwe parti jew interruzzjoni tal-provvista tas-servizzi mill-fornitur tas-servizz ta' cloud;
 - (c) jekk l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni għandhiex il-ħiliet u r-riżorsi meħtieġa biex timmonitorja b'mod adegwat l-attivitajiet esternalizzati.
4. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li żżomm regjistru aġġornat tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha materjali u mhux materjali tagħha esternalizzati lil fornituri tas-servizz ta' cloud fil-livell tal-istituzzjoni u tal-grupp. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, fuq talba, kopja tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni u informazzjoni relatata reġistrata f'dak ir-regjistru, irrispettivament minn jekk l-attività esternalizzata lil fornitur tas-servizz ta' cloud tkunx ġiet ivvalutata mill-istituzzjoni bħala materjali.
5. Fir-regjistru msemmi fil-paragrafu preċedenti, jenħtieġ li mill-inqas tiġi inkluża l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(a) sa (g), jekk ma tkunx diġà ġiet ipprovduta;
 - (b) it-tip ta' esternalizzazzjoni (il-mudell tas-servizz ta' cloud u l-mudell tal-użu ta' cloud, jiġifieri cloud pubbliku/privat/ibridu/ta' komunità);
 - (c) il-partijiet li jirċievu servizzi ta' cloud skont il-ftehim ta' esternalizzazzjoni;
 - (d) l-evidenza tal-approvazzjoni għall-esternalizzazzjoni mill-korp maniġerjali jew il-kumitati delegati tiegħu, jekk applikabbli;
 - (e) l-ismijiet ta' kwalunkwe sottokuntrattur jekk applikabbli;
 - (f) il-pajjiż fejn il-fornitur/is-sottokuntrattur ewlieni tas-servizz ta' cloud huwa reġistrat;
 - (g) jekk l-esternalizzazzjoni tkunx ġiet ivvalutata bħala materjali (iva/le);
 - (h) id-data tal-aħħar valutazzjoni tal-materjalità tal-attivitajiet esternalizzati tal-istituzzjoni;
 - (i) jekk il-fornitur/is-sottokuntrattur(i) tas-servizz ta' cloud jappoġġjax/jappoġġjawx l-operazzjonijiet tan-negozju li jridu jsiru fil-ħin (iva/le);
 - (j) valutazzjoni tas-sostitwibbiltà tal-fornitur tas-servizz ta' cloud (bħala faċli, diffiċli jew impossibbli);
 - (k) identifikazzjoni ta' fornitur tas-servizz alternattiv, fejn possibbli;
 - (l) id-data tal-aħħar valutazzjoni tar-riskju tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni jew ta' sottokuntrattar.

4.3 Drittijiet ta' aċċess u ta' awditu

Għall-istituzzjonijiet

6. Abbażi tal-linja gwida 8(2)(g) tal-linji gwida tas-CEBS u għall-finijiet tal-esternalizzazzjoni ta' cloud, l-istituzzjonijiet tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li jiżguraw ukoll li għandhom fis-seħħ ftehim bil-miktub mal-fornitur tas-servizz ta' cloud fejn dan tal-aħħar jimpjenja ruħu:
 - (a) li jipprovdli lill-istituzzjoni, lil kwalunkwe parti terza maħtura għal dak il-għan mill-istituzzjoni u lill-awditur statutorju tal-istituzzjoni aċċess sħiħ għal-lok tan-negozju tiegħu (uffiċċji prinċipali u ċentri operattivi), inkluża l-firxa sħiħa ta' apparati, sistemi, networks u data użati għall-provvista tas-servizzi esternalizzati (dritt ta' aċċess);
 - (b) li jagħti lill-istituzzjoni, lil kwalunkwe parti terza maħtura għal dak il-għan mill-istituzzjoni u lill-awditur statutorju tal-istituzzjoni, drittijiet mingħajr restrizzjoni ta' spezzjoni u awditjar relatati mas-servizzi ta' esternalizzazzjoni (dritt ta' awditu).
7. L-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess u ta' awditu jenħtieġ li ma jiġix imxekkel jew limitat bi ftehimiet kuntrattwali. Jekk it-twertiq tal-awditu jew l-użu ta' ċerti tekniki tal-awditu jistgħu joħolqu riskju għal ambjent ta' klijent ieħor, jenħtieġ li jintlaħaq ftehim dwar modi alternattivi sabiex jiġi pprovdut livell simili ta' assigurazzjoni meħtieġ mill-istituzzjoni.
8. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li teżerċita d-drittijiet tagħha li tawditja u taċċessa b'mod ibbażat fuq ir-riskju. Meta istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni ma tużax ir-riżorsi tal-awditu tagħha stess, jenħtieġ li tqis li tuża ta' mill-inqas waħda mill-għodod li ġejjin:
 - (a) Awditi miġbura li huma organizzati b'mod konġunt ma' klijenti oħra tal-istess fornitur tas-servizz ta' cloud, u li jitwettqu minn dawn il-klijenti jew minn parti terzi maħtura minnhom, sabiex ir-riżorsi tal-awditu jintużaw b'mod aktar effiċjenti u jitnaqqas il-piż organizzazzjonali kemm fuq il-klijenti kif ukoll fuq il-fornitur tas-servizz ta' cloud.
 - (b) Rapporti taċ-ċertifikazzjonijiet ta' parti terza u rapporti tal-awditu ta' parti terza jew interni li jkunu magħmula disponibbli mill-fornitur tas-servizz ta' cloud, dment li:
 - i. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni tiżgura li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport taċ-ċertifikazzjoni jew tal-awditu jkopri s-sistemi (jiġifieri proċessi, applikazzjonijiet, infrastruttura, ċentri tad-data, eċċ.) u l-kontrolli identifikati bħala importanti ħafna mill-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni.
 - ii. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni tivvaluta bir-reqqa l-kontenut tar-rapporti taċ-ċertifikazzjonijiet jew tal-awditu fuq bażi kontinwa, u b'mod partikolari tiżgura li l-kontrolli ewlenin għadhom koperti f'verżjonijiet futuri ta' rapport tal-awditu u tivverifika li r-rapport taċ-ċertifikazzjoni jew tal-awditu għadhom applikabbli.
 - iii. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni hija sodisfatta bil-kapaċità tal-parti li tiċċertifika jew li tawditja (eż. fir-rigward tar-rotazzjoni tal-kumpanija li

- tiċċertifika jew li tawditja, il-kwalifiki, l-għarfien espert, it-twetliq mill-ġdid/il-verifika tal-evidenza fil-fajl tal-awditjar sottostanti).
- iv. L-ċertifikazzjonijiet jinħarġu u l-awditi jitwettqu skont standards rikonoxxuti b' mod wiesa' u jinkludu test tal-effettività operazzjonali tal-kontrolli ewlenin fis-seħħ.
 - v. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni għandha d-dritt kuntrattwali li titlob l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rapporti taċ-ċertifikazzjonijiet jew tal-awditu għal xi sistemi u/jew kontrolli li huma rilevanti. Jenħtieġ li l-għadd u l-frekwenza ta' tali talbiet għal modifika tal-kamp ta' applikazzjoni jkunu raġonevoli, u leġittimi minn perspettiva ta' ġestjoni tar-riskju.
9. Meta jitqies li s-soluzzjonijiet cloud għandhom livell għoli ta' kumplessità teknika, l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li tivverifika li l-membri tal-persunal li jwettqu l-awditu – kemm jekk ikunu l-awdituri interni tagħha jew grupp ta' awdituri li jaġixxu f'isimha, jew l-awdituri maħtura tal-fornitur tas-servizz ta' cloud – jew, kif xieraq, il-membri tal-persunal li jirvedu r-rapporti taċ-ċertifikazzjoni tal-parti terza jew ir-rapporti tal-awditu tal-fornitur tas-servizz ikunu kisbu l-ħiliet u l-għarfien it-tajba biex iwettqu awditi u/jew valutazzjonijiet effettivi u rilevanti ta' soluzzjonijiet cloud.

Għall-awtoritajiet kompetenti

10. Abbażi tal-linja gwida 8(2)(h) tal-linji gwida tas-CEBS u għall-finijiet ta' esternalizzazzjoni tal-cloud, l-istituzzjonijiet tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li jiżguraw li jkollhom fis-seħħ ftehim bil-miktub mal-fornitur tas-servizz ta' cloud fejn dan tal-aħħar jimpenja ruħu:
- (a) li jipprovdi lill-awtorità kompetenti li tissorvelja l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni (jew kwalunkwe parti terza maħtura għal dak il-għan mill-awtorità) aċċess sħiħ għal-lok tan-negozju tal-fornitur tas-servizz ta' cloud (uffiċċji prinċipali u ċentri operattivi), inkluża l-firxa sħiħa ta' apparati, sistemi, netwerks u data użati għall-provvista tas-servizzi lill-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni (dritt ta' aċċess);
 - (b) li jagħti lill-awtorità kompetenti li tissorvelja l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni (jew kwalunkwe parti terza maħtura għal dak il-għan mill-awtorità) drittijiet mingħajr restrizzjoni ta' spezzjoni u awditjar relatati mas-servizzi ta' esternalizzazzjoni (dritt ta' awditu).
11. L-istituzzjonijiet tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-arranġamenti kuntrattwali ma jwaqqfux lill-awtorità kompetenti tagħha milli twettaq il-funzjoni superviżorja u l-għanijiet tagħha.
12. L-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti jiksbu mill-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess u ta' awditu jenħtieġ li tkun soġġetta għas-segretezza professjonali u għar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 53 et seq. tad-Direttiva 2013/36/UE (CRD IV). L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jidħlu fl-ebda tip ta' ftehim jew dikjarazzjoni kuntrattwali li twaqqafhom milli josservaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kunfidenzjalità, is-segretezza professjonali u l-iskambju ta' informazzjoni.

13. Abbażi tas-sejbiet tal-awditu tagħha, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tindirizza kwalunkwe nuqqas identifikat, jekk meħtieġ, billi timponi miżuri direttament fuq l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni.

4.4 B'mod partikolari għad-dritt ta' aċċess

14. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafi 6 u 10 jenħtieġ li jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Qabel żjara ppjanata fuq il-post, il-parti li beħsiebha teżerċita d-dritt ta' aċċess tagħha (istituzzjoni, awtorità kompetenti, awditur jew parti terza li taġixxi f'isem l-istituzzjoni jew l-awtorità kompetenti) jenħtieġ li tavża lil lok tan-negozju rilevanti dwar iż-żjara fuq il-post f'perjodu ta' żmien raġonevoli, dment li notifika minn qabel bikrija ma kinitx possibbli minħabba sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' kriżi.
- (b) Il-fornitur tas-servizz ta' cloud huwa mitlub jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti adegwati, kif ukoll mal-istituzzjoni u l-awditur tagħha, b'rabta maż-żjara fuq il-post.

4.5 Sigurtà tad-data u tas-sistemi

15. Kif ġie ddikjarat fil-linja gwida 8(2)(e) tal-linji gwida tas-CEBS, il-kuntratt tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li jobbliga lill-fornitur tas-servizz tal-esternalizzazzjoni jipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni trażmessa mill-istituzzjoni finanzjarja. F'konformità mal-linja gwida 6(6)(e) tal-linji gwida tas-CEBS, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jimplimentaw arranġamenti biex jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi pprovduti mill-fornituri tas-servizz ta' esternalizzazzjoni. Abbażi tal-linji gwida 8(2)(b) u 9 tal-linji gwida tas-CEBS, il-ħtiġijiet rispettivi tal-istituzzjonijiet tal-esternalizzazzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-prestazzjoni jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kuntratti ta' esternalizzazzjoni u fil-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz bil-miktub. Dawn l-aspetti tas-sigurtà jenħtieġ li jiġu ssorveljati wkoll fuq bażi kontinwa (linja gwida 7).

16. Għall-finijiet tal-paragrafu preċedenti, l-istituzzjoni jenħtieġ li twettaq, qabel ma testernalizza u bl-għan li tinforma d-deċiżjoni rilevanti, mill-inqas dan li ġej:

- (a) tidentifika u tikklassifika l-attivitajiet, il-proċessi tagħha u d-data u s-sistemi relatati fir-rigward tas-sensittività u l-protezzjonijiet meħtieġa;
- (b) twettaq għażla bir-reqqa bbażata fuq ir-riskju tal-attivitajiet, il-proċessi u d-data u s-sistemi relatati li qegħdin jiġu kkunsidrati biex jiġu esternalizzati għal soluzzjoni ta' cloud computing;
- (c) tiddefinixxi u tiddeċiedi dwar livell adegwat ta' protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-data, tal-kontinwità tal-attivitajiet esternalizzati, u tal-integrità u t-traċċabbiltà tad-data u s-sistemi fil-kuntest tal-esternalizzazzjoni maħsuba ta' cloud. Fejn ikun meħtieġ, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jqisu wkoll miżuri speċifiċi għal data fi tranżitu, data f'memorja

u data wieqfa, bħall-użu ta' teknoloġiji ta' kriptaġġ flimkien ma' struttura ta' ġestjoni ewlenija adegwata.

17. Sussegwentement, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw li jkollhom fis-seħħ ftehim bil-miktub mal-fornitur tas-servizz ta' cloud li fih, fost affarijiet oħrajn, jiġu stabbiliti l-obbligi ta' dan l-aħħar skont il-paragrafu 16(c).
18. L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jimmonitorjaw il-prestazzjoni tal-attivitajiet u tal-miżuri tas-sigurtà skont il-linja gwida 7 tal-linji gwida tas-CEBS, inklużi inċidenti, fuq bażi kontinwa u revizzjoni kif xieraq dwar jekk l-esternalizzazzjoni tagħhom tal-attivitajiet tikkonformax mal-paragrafi preċedenti; jenħtieġ li huma jieħdu b'mod immedjat kwalunkwe miżura korrettiva meħtieġa.

4.6 Lokazzjoni tad-data u pproċessar tad-data

19. Kif ġie ddikjarat fil-linja gwida 4(4) tal-linji gwida ta' CEBS, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li joqogħdu attenti ħafna meta jidħlu fi ftehimiet tal-esternalizzazzjoni u jimmaniġġjawhom barra miż-ŻEE minħabba riskji possibbli relatati mal-protezzjoni tad-data u riskji għas-superviżjoni effettiva mill-awtorità superviżorja.
20. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li tadotta approċċ ibbażat fuq ir-riskju għal kunsiderazzjonijiet dwar il-lokazzjoni tad-data u l-ipproċessar tad-data meta testernalizza għal ambjent cloud. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tindirizza l-impatti potenzjali tar-riskju, inklużi riskji legali u kwistjonijiet ta' konformità, u limitazzjonijiet tas-sorveljanza relatati mal-pajjiżi fejn is-servizzi esternalizzati huma jew x'aktarx se jiġu pprovduti u fejn id-data hija jew x'aktarx se tinħażen. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tinkludi kunsiderazzjonijiet dwar l-istabbiltà politika u tas-sigurtà usa' tal-ġurisdizzjonijiet inkwistjoni; il-liġijiet fis-seħħ f'dawk il-ġurisdizzjonijiet (inklużi l-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data); u d-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar tal-liġi fis-seħħ f'dawk il-ġurisdizzjonijiet, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-liġi tal-insolvenza li japplikaw f'każ ta' falliment ta' fornitur tas-servizz ta' cloud. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li tiżgura li dawn ir-riskji jinżammu fi ħdan limiti aċċettabbli b'mod proporzjonat mal-materjalità tal-attività esternalizzata.

4.7 Esternalizzazzjoni katina

21. Kif ġie ddikjarat fil-linja gwida 10 tal-linji gwida ta' CEBS, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jqisu r-riskji assoċjati mal-esternalizzazzjoni "katina", fejn il-fornitur tas-servizz ta' esternalizzazzjoni jissottokuntratta elementi tas-servizz lil fornituri oħrajn. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li taqbel mal-esternalizzazzjoni katina biss jekk is-sottokuntrattur jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi li jeżistu bejn l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni u l-fornitur tas-servizz ta' esternalizzazzjoni. Barra minn hekk, l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li tiegħu passi adegwati biex tindirizza r-riskju ta' kwalunkwe dgħufija jew nuqqas fil-provvista tal-attivitajiet sottokuntrattati li jkollhom effett sinifikanti fuq il-kapaċità tal-fornitur tas-servizz ta' esternalizzazzjoni li jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu skont il-ftehim ta' esternalizzazzjoni.
22. Il-ftehim ta' esternalizzazzjoni bejn l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni u l-fornitur tas-servizz ta' cloud jenħtieġ li jispeċifika kwalunkwe tip ta' attività li hija eskluża minn sottokuntrattar potenzjali u jindika li l-fornitur tas-servizz ta' cloud għandu responsabbiltà sħiħa għal dawk is-servizzi li huwa ssottokuntratta kif ukoll sorveljanza sħiħa tagħhom.
23. Il-ftehim tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li jinkludi wkoll obbligu għall-fornitur tas-servizz ta' cloud biex jinforma lill-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni bi kwalunkwe bidla sinifikanti pplanata fis-sottokuntratturi jew fis-servizzi sottokuntrattati msemmija fil-ftehim inizjali li tista' taffettwa l-kapaċità tal-fornitur tas-servizz li jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu skont il-ftehim ta' esternalizzazzjoni. Il-perjodu ta' notifika għal dawn il-bidliet jenħtieġ li jiġi miftiehem kuntrattwalment minn qabel sabiex l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni titħalla twettaq

valutazzjoni tar-riskju tal-effetti tal-bidliet proposti qabel ma ssir il-bidla attwali fis-sottokuntratturi jew fis-servizzi sottokuntrattati.

24.F'każ li fornitur tas-servizz ta' cloud jippjana bidliet f'sottokuntrattur jew fis-servizzi sottokuntrattati li jkollhom effett negattiv fuq il-valutazzjoni tar-riskju tas-servizzi miftiehma, l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtiegħ li jkollha d-dritt li ttemm il-kuntratt.

25.L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtiegħ li tirrevedi u timmonitorja t-twettiq tas-servizz globali fuq bażi kontinwa, irrISPettivament minn jekk dan huwiex ipprovdut mill-fornitur tas-servizz ta' cloud jew mis-sottokuntratturi tiegħu.

4.8 Pjanijiet ta' kontinġenza u strateġiji ta' ħruġ

26.Kif ġie ddikjarat fil-linji gwida 6.1, 6(6)(e) u 8(2)(d) tal-linji gwida tas-CEBS, l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtiegħ li tippjana u timplimenta ftehimiet biex iżżomm il-kontinwità tan-negozju tagħha f'każ li l-provvista tas-servizzi minn fornitur tas-servizz ta' esternalizzazzjoni tfalli jew tiddeterjora għal grad inaċċettabbli. Dawn l-arranġamenti jenħtiegħ li jinkludu ppjanar ta' kontinġenza u strateġija ta' ħruġ iddefinita b'mod ċar. Barra minn hekk, il-kuntratt ta' esternalizzazzjoni jenħtiegħ li jinkludi klawżola ta' terminazzjoni u ta' ħruġ mill-ġestjoni li tippermetti li l-attivitajiet ipprovduti minn fornitur tas-servizz ta' esternalizzazzjoni jiġu trasferiti lil fornitur ieħor tas-servizz ta' esternalizzazzjoni jew jiġu inkorporati mill-ġdid fl-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni.

27.Istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtiegħ li tiżgura wkoll li tkun kapaċi toħroġ minn arranġamenti tal-esternalizzazzjoni ta' cloud, jekk meħtiegħ, minħajr tfixkil bla bżonn fil-provvista tagħha tas-servizzi jew effetti negattivi fuq il-konformità tagħha mar-reġim regolatorju u mingħajr detriment għall-kontinwità u l-kwalità tal-provvista tas-servizzi tagħha lill-klijenti. Sabiex tilħaq dan, istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtiegħ li:

- (a) tiżviluppa u timplimenta pjanijiet ta' ħruġ li jkunu komprensivi, dokumentati u ttestjati b'mod suffiċjenti fejn xieraq;
- (b) tidentifika soluzzjonijiet alternattivi u tiżviluppa pjanijiet ta' tranżizzjoni sabiex tkun tista' tneħħi u tittrasferixxi attivitajiet u data eżistenti mill-fornitur tas-servizz ta' cloud lil dawn is-soluzzjonijiet b'mod ikkontrollat u ttestjat b'mod suffiċjenti, filwaqt li tqis kwistjonijiet tal-lokazzjoni tad-data u ż-żamma tal-kontinwità tan-negozju matul il-fażi ta' tranżizzjoni;
- (c) tiżgura li l-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni jinkludu obbligu fuq il-fornitur tas-servizz ta' cloud biex jappoġġja b'mod suffiċjenti l-istituzzjoni tal-esternalizzazzjonali fit-trasferiment ordnat tal-attività lil fornitur tas-servizz ieħor jew lill-maniġment dirett tal-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni f'każ li jintemm il-ftehim ta' esternalizzazzjoni.

28.Meta tiżviluppa strateġiji ta' ħruġ, istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtiegħ li tqis dan li ġej:

- (a) l-iżvilupp ta' indikaturi ewlenin tar-riskju sabiex jiġi identifikat livell inaċċettabbli ta' servizz;
- (b) it-tweqqif ta' analiżi tal-impatt tan-negozju b'mod proporzjonat mal-attivitajiet esternalizzati sabiex tidentifika liema riżorsi umani u materjali jkunu meħtieġa biex timplimenta l-pjan ta' ħruġ u l-ammont ta' żmien meħtieġ;
- (c) l-assenjar ta' rwoli u responsabbiltajiet għall-ġestjoni tal-pjanijiet ta' ħruġ u l-attivitajiet ta' tranżizzjoni.
- (d) id-definizzjoni ta' kriterji ta' suċċess tat-tranżizzjoni.

29. L-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jenħtieġ li tinkludi indikaturi li jistgħu jniedu l-pjan ta' ħruġ fis-servizz kontinwu tagħha ta' monitoraġġ u sorveljanza tas-servizzi pprovduti mill-fornitur tas-servizz ta' cloud.